# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Tlieta, 12 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 26**

**Citaz. numru 1077/84 FGC**

**Joseph Borg u Marianna konjugi Borg, Josephine u Helen xebbiet, ahwa Borg, u b'digriet tat-13 ta' Novembru 1986 stante l-mewt ta' Marianna Borg fil-mori tal-kawza, l-gudizzju gie trasferit fil-persuna ta' Joseph Borg u Josephine u Helen, ahwa Borg, ghall-interess li kellha l-istess Marianna Borg u b'digriet tal-15 ta' Arpil 1996, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Josephine u Helen ahwa Borg stante l-mewt ta' Joseph Borg fil-mori ta' l-appell.**

**vs**

**Joseph Bianco**

**Il-Qorti;**

**<u>L-ATT TAC-CITAZZJONI</u>**

L-atturi pprocedew kontra l-konvenut b'dan l-att ta' citazzjoni :-

"L-atturi ppremettew :-

Li, fis-26 ta' Dicembru 1976, miet Loreto Bonnici u permezz ta' zewg testamenti, fl-Atti tan-Nutar Francis X. Dingli, datati d-9 ta' Novembru u 23 ta' Dicembru 1976 (Dok A u B) innomina lill-konvenut esekutur testementarju tieghu u halla, bhala werrieta, lill-istess konvenut u lil Calcedonio Bonnici, izda dana, wara li b'titolu ta' legat, halla favur taghhom l-uzufrott konguntiv u successiv ta' kwart indiviz tal-assi kollha tieghu ;

Li, fi Frar 1977, miet l-istess Calcedonio Bonnici u halla lill-konvenut bhala werriet uniku tieghu ;

U li, mid-data tal-mewt ta' Loreto Bonnici sallum, il-konvenut amministra l-assi ereditarji tieghu u recentement baghatilhom rendikont li gie kontestat minnhom ghal diversi ragunijiet pero', l-izjed fosthom, ghar-raguni illi l-konvenut hallas it-taxxa tal-mewt mill-assi ereditarji minghajr ma ghamel tajjeb ghat-telf ta' introjtu u b'hekk l-uzufrott gie ridott kwazi bla valur ;

U li huma nterpellaw lill-konvenut li jirranga dan u anki spjegaw dawn ir-ragunijiet lilu u offrew l-intervent ta' arbitru legali, izda l-konvenut irrifjuta ;

TALBU li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :-

1. Tiddikjara li r-rendikont moghti minnu (Dok C) huwa skorrett fil-fatt u fil-ligi ;

2. Tikkundannah, fi zmien qasir u perentorju, jaghtihom rendikont tajjeb ;

3. Tikkundannah li mar-rendikont gust ihallashom dak l-ammont rizultanti ; bl-imghaxijiet legali min-notifika ta' dan l-att ;

4. Tordna li, fin-nuqqas ta' ottemperenza mat-tieni talba fi zmien moghti mill-Qorti, l-istess rendikont isir permezz ta' periti nominandi, spejjez ghall-konvenut, flimkien mal-kundanna tas-somma likwidata lilhom u mghaxijiet legali ;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut."

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici :-

> "1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rendikont, maghmul mill-eccipjenti, huwa tajjeb fis-sens illi jaghti stampa cara ta' dak kollu illi l-eccipjenti ghamel kemm ilu li ghandu l-amministrazzjoni f'idejh ;
>
> 2. Salv il-premess, u stante l-kawzali tac-citazzjoni, n-nullita' tat-tieni, t-tielet u r-raba' talba, peress illi dawn ma humiex koperti bil-kawzali gusti fic-citazzjoni."

**<u>IL-PERIT LEGALI</u>**

L-ewwel Qorti diversament preseduta innominat serje ta' periti legali matul is-snin li kollha gew sostitwiti sakemm fl-20 ta' Novembru 1991 gie nominat bhala tali l-Avukat Dottor Giovanni Griscti li ffinalizza r-rapport peritali tieghu, li gie kritikat permezz ta' noti mill-kontendenti.

**<u>DECIDE</u>**

B'sentenza tas-16 ta' Frar 1996, l-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza billi prevja l-adozzjoni tal-istess rapport peritali,

1. Irrespingiet l-eccezzjoni tan-nullita' sollevata mill-konvenut, bl-ispejjez kontra tieghu ; u
2. Illiberat il-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-atturi. Salv kull dritt spettanti lill-istess atturi si et quatenus kontra l-konvenut.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

"Ikkunsidrat :-

Li l-konvenut qieghed jeccepixxi li t-tieni, t-tielet u r-raba' talba ta' l-atturi huma nulli ghaliex dawn m'humiex koperti bil-kawzali gusti fic-citazzjoni.

Il-perit, ghalhekk, fl-ewwel lok, iddispona minn din l-eccepita nullita' billi rritjena li c-citazzjoni odjerna fiha tifsira cara u sewwa ta' l-oggett u r-raguni tat-talba, kif jirrikjedi l-Artikolu 156 tal-Kap 12 ; u dan fuq l-iskorta tas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Mifsud vs Zammit" (Vol XXVI – 424 ; 1.3.1926).

Din il-Qorti wkoll jidhrilha li l-kawzali tac-citazzjoni ma tippekkax minhabba nuqqas ta' tifsir car u sewwa tal-motivi u raguni taghha u, ghalhekk, qieghda taqbel mal-konkluzjoni tal-perit legali li din l-eccezzjoni ghandha tigi respinta.

Ikkunsidrat :-

Evidentement, l-atturi riedu jfissru haga bhala kawzali u, fic-citazzjoni taghhom esprimew ohra ; u, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-kawzali li huma esprimew, ma tistax twassal ghall-akkoljiment tad-domandi. Din hija kawzali unika u cioe' li l-konvenut, fil-kwalita' tieghu ta' esekutur testamentarju tal-mejjet Loreto Bonnici, tahom rendikont tal-amministrazzjoni tal-wirt tieghu, inkwantu li huma uzufruttwarji ta' kwarta (1/4) parti indiviza minnu, li huma jikkontestaw ghal diversi ragunijiet, pero', l-izjed fosthom, ghar-raguni "illi l-konvenut hallas it-taxxa tal-mewt mill-assi ereditarju minghajr ma ghamel tajjeb ghat-telf ta' introjut, u b'hekk l-uzufrott (taghhom) gie ridott kwazi bla valur".

Kwindi, hu car li l-atturi qeghdin jilmentaw li l-uzufrott taghhom fuq il-kwota taghhom indiviza mill-wirt kellha tirrendilhom aktar kieku ma kienx ghall-fatt li l-konvenut hallas it-taxxa tas-successjoni fuq dan il-wirt mill-massa ereditarja in kwistjoni.

Din il-kawzali, pero', ma tippermettix li din il-Qorti tasal biex takkolji l-ewwel domanda ghaliex ma tiggustifikax dikjarazzjoni li "r-rendikont moghti mill-konvenut (Dok C) huwa skorrett fil-fatt u fil-ligi". Dan ghaliex ir-rendikont huwa dak li, fil-fatt, hu u ghalhekk bl-ebda mod ma jista' jinghad li huwa "skorrett fil-ligi" minhabba li dak li mess lill-atturi, bhala uzufruttwarji ta' kwarta (1/4) parti indiviza mill-eredita', kien inqas billi l-konvenut hallas it-taxxa tas-successjoni mill-Massa Ereditarja.

Huwa wkoll evidenti li l-Qorti ma tistax tikkundanna lill-konvenut, kif l-atturi jippretendu li ghandha taghmel bit-tieni domanda, biex fi zmien 'qasir u perentorju jaghti rendikont tajjeb' tal-gestjoni tieghu. Hawnhekk, l-atturi jridu minghand il-konvenut dak li diga' gie moghti lilhom permezz tad-Dokument C bhala 'tajjeb' ; ghalhekk, din it-talba ma tistax tigi akkolta ghaliex m'hix legalment fondata. L-istess haga tista' tinghad fir-rigward tat-tielet (3) u r-raba' (4) domanda billi dawn jiddependu mit-tieni wahda u, kwindi, una volta li din ta l-ahhar m'hix legalment gustifikata ghandu jsegwi li lanqas dawn m'huma fondati legalment.

Ikkunsidrat :-

Il-perit legali, fir-rapport tieghu, jissintetizza tant tajjeb il-posizzjoni legali meta qal hekk :-

"Filwaqt li tramite c-citazzjoni taghhom l-atturi talbu li r-rendikont ikun iddikjarat skorrett, fl-istess hin l-atturi xehedu fis-sens li l-amministrazzjoni kienet wahda hazina u li kkagunat danni fil-konfront taghhom. Huwa rikjest li l-atturi jindikaw fejn u ghaliex jahsbu li r-rendikont huwa skorrett, izda huma ghazlu li jimxu fuq il-premessa li l-esekutur amministra hazin. Ghall-korrettezza jigi rilevat li r-rendikont juri bic-car dak kollu li ghamel l-esekutur, tajjeb jew hazin, u ghalhekk l-esponenti jhoss li l-procedura odjerna kellha ssir sabiex tinficja l-agir tal-esekutur u m'hux kwantu ghar-rendikont li hejja li allura jirrizulta bhala konsegwenza ta' dan l-agir."
Din il-Qorti tikkondividi pjenament dawn ir-rilievi tal-perit legali u tikkonkludi li l-atturi m'ghandhomx dritt ghall-akkoljiment tad-domandi taghhom fuq il-kawzali migjuba minnhom f'din il-kawza ; u l-Qorti ma tistax tiddeciedi hlief fuq il-kawzali li tigi dedotta fil-kawza ; ghaliex diversament id-decizjoni taghha tkun "extra petita" (Vol. XXX111.1.748) billi l-Qorti ma tistax tissostitwixxi, izzid jew sostanzjalment tissupplementa nuqqas dwar l-oggett u r-raguni tat-talba fic-citazzjoni (Vol. XXX1V.11.480)."

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

Jidher li l-qofol ta' din il-vertenza li kaxkret ghall-oltre stabax-il sena hu essenzjalment wiehed procedurali. Kellha tigi mill-Qorti rizolta d-domanda jekk il-kawzali tal-atturi, kif espressi fil-premessi taghhom, setghax iwassal ghall-akkoljiment tat-talbiet kif redatti. Il-konvenut sostna sa mill-bidu fl-eccezzjonijiet tieghu illi hu kien issodisfa l-obbligu bhala ezekutur testamentarju tal-mejjet Loreto Bonnici illi jaghti rendikont preciz tal-amministrazzjoni tal-wirt tieghu lill-atturi li kienu uzufruttwarji kwart indiviz. Hu jsostni li din it-tezi giet akkolta mill-ewwel Qorti, illi din kienet l-unika premessa fl-att tac-citazzjoni li kienet riflessa fit-talba principali tal-atturi. Ghandu jinghad illi bhala fatt ma jidhirx li hemm kontestazzjoni illi l-konvenut issodisfa formalment l-obbligu tieghu li jaghti rendikont. L-atturi ma jikkontestawx illi dak li gie lilu sottomess bhala kontijiet jirrifletti ezattament dak illi materjalment ezegwixxa l-konvenut qua amministratur. Indubbjament ukoll hu aktar minn ovvju illi l-konvenut zamm annotat kull pass u partita tal-operat tieghu b'mod mill-aktar metikoluz u preciz u dana tul diversi snin sakemm gie msejjah mill-atturi biex jaghti kont ta' ghemilu. Ma' jista' jkun hemm l-ebda dubbju allura illi jekk l-att tac-citazzjoni jigi interpretat bil-mod kif interpretatu l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-ilment tal-atturi illi l-konvenut ma tahomx rendikont korrett u fidil jirrizulta ghal kollox superfluwu. Infatti fl-ebda mument tul il-kawza huma m'allegaw illi r-rendikont li kellhom f'idejhom u li nghatalhom mill-konvenut ma

kienx fedelment jirrifletti dak li materjalment ezegwixxa fil-vestit ta' ezekuttur testamentarju. Ghall-kuntrarju li t-tezi tal-atturi hi illi, filwaqt li accettaw il-korrettezza materjali ta' dak ir-rendikont, huma jikkontestawh ghal diversi ragunijiet. Dan mhux ghaliex jilmentaw minn xi skorettezza fih imma ghaliex isostnu illi li kieku l-konvenut ma mexiex kif mexa fl-ezekuzzjoni tal-ezikuterija tieghu u ma amministrax malament il-wirt f'idejh, fis-sens li avvantaggja ruhhu personalment mil-proprjeta' fdata f'idejh, abbusivament u kontra d-dettami espressi tal-ligi, kieku r-rendikont kien ikun diversi ghaliex il-konvenut kien jibqaghlu f'idejh kapital ikbar li fuqu l-atturi, qua uzufruttwarji, kellhom id-dritt li jgawdu fil-frott tieghu.

Fil-fatt l-ewwel Qorti sabet fis-sentenza appellata – u dan gie sewwa identifikat mill-atturi fir-rikors tal-appell taghhom – illi l-atturi kienu qed jilmentaw li l-uzufrott taghhom fuq il-kwota taghhom indiviza fil-wirt kellha tirrendilhom iktar li kieku ma kienx ghall-fatt li l-konvenut hallas it-taxxa tas-successjoni mill-massa ereditarja b'mod li allura l-uzufruttwarji gew imcahhda mill-imghax fuq dak il-kapital impenjat fil-hlas tat-taxxa. L-ewwel Qorti pero' waslet ghall-konkluzzjoni illi dak l-allegat abbuz fl-amministrazzjoni tal-eredita' mill-ezekutur, ma setax jigi identifikat bhala inkluz f'talba ghall-ghoti tar-rendikont sic et sempliciter. Fl-aggravju taghhom l-atturi jergghu jissottomettu lil din il-Qorti argumentazzjoni li ghamlu fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom quddiem l-ewwel Qorti fis-sens illi l-gestjoni skorretta tal-amministrattur fil-mod kif amministra l-

flus u fl-infieq ta' flus appartenenti ghall-amministrazzjoni ghall-uzu personali tieghu u cioe' ghall-hlas ta' taxxa ghas-successjoni, kien wiehed skorrett u din l-iskorrettezza kienet riflessa fir-rendikont li hu kien qieghed jaghti.

Huma allura jissottomettu illi "anke jekk wiehed jasal biex jargumenta li dak ir-rendikont kien korrett fil-fatt billi kien jirrifletti sewwa dak li kien ghamel l-amministratur, xorta wahda dak ir-rendikont kien ikun skorrett bil-ligi ghax kien ikun fih rapprezentati debiti attivi u passivi li ma kienux gustament addebitabbli kif ippretenda li jaghmel l-amministratur". Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar jekk l-azzjoni kif intavolata setghetx tigi b'xi mod salvata. Indubbjament hawn si tratta ta' kaz fejn l-att tac-citazzjoni kien nieqes mill-kjarezza in kwantu ma giex felicement redatt. Dan mhux biss ghaliex it-talba principali jekk tigi moghtija l-interpretazzjoni effettivament moghtija mill-ewwel Qorti tirrizulta - u dan gustament - ghall-kollox superfluwu u inutili konsiderati l-fatti maghrufa lill-kontendenti fir-rigward tal-ghoti tar-rendikont materjalment korrett imma wkoll ghaliex l-att tac-citazzjoni kif impostat ma kien jaghti lanqas l-icken hjiel fit-talbiet kif redatti, li l-Qorti kienet tigi mitluba tiddikjara l-operat tal-konvenut bhala wiehed illegali u abbuzuv u wisq anqas hemm it-talba ghall-kundanna tieghu biex jirriversa fl-assi ereditarju, suggett ghall-uzufrutt, dak illi l-atturi jallegaw illi appropria ghall-interess personali tieghu.

L-atturi appellanti jissottomettu illi kellu jidher mic-citazzjoni illi dak li kien qed jigi minnhom allegat u t-talba sostantiva taghhom kienet dik kontenuta fit-tielet talba u cioe' li l-istess konvenut, fil-kwalita' tieghu ta' amministratur tal-massa ereditarja, kellu jigi kkundannat ihallas l-ammont rizultanti ekwivalenti ghal nuqqas fl-imghaxijiet li gew minnhom sofferti b'konsegwenza ta' din il-malamministrazzjoni. Huma jsostnu illi l-premessi tac-citazzjoni kellhom juru bic-car ukoll illi dan illi kienu qed jippretendu u cioe' li l-uzufrutt dovut lilhom naqas sewwa bil-fatt li l-konvenut uza flus appartanenti lill-eredita' biex ihallas taxxa tas-successjoni li sostanzjalment kienet dovuta minnu personalment, kellu jwassal biex tigi milqugha din it-tielet talba indipendentement mill-ewwel zewg talbiet.

Din il-Qorti tissimpatizza mad-diffikulta' procedurali li sabu ruhhom fiha l-appellanti in kwantu ftit ghandha dubbju illi kull min kien involut fit-trattazzjoni tal-kawza kien pjenament konxju minn dak illi xtaqu jaslu ghalih meta pprezentaw l-att tac-citazzjoni. Tifhem pero' li l-ostakolu procedurali anke jekk wiehed formali ma kienx ta' facili spedizione proprju ghaliex kull Qorti kellha targina l-konsiderazzjoni taghha fit-termini tat-talbiet lilha sottomessi u kif dawn kienu jorbtu mal-premessi ghalihom. Inoltre kellu jkun pacifiku illi certi sitwazzjonijiet kienu necessarjament jirrikjedu biex jigu gudizzjarjament rizolti talba cara u preciza biex jigu definiti d-drittijiet u l-obbligi tal-kontendenti u konsegwentement il-kundanna tal-konvenut fit-termini ta' dik id-

definizzjoni. Il-konvenut ma setax u ma kellux jigi rrinfaccjat b'talbiet gudizzjarji vagi u indeterminati li jimportaw kundanna li ghaliha hu ma jkunx f'posizzjoni jopponi difiza adegwata minhabba nuqqas ta' kjarezza fl-att tac-citazzjoni.

Hu proprju f'dan li din il-Qorti tirraviza gustifikazzjoni, legalment korretta, fil-konsiderandi li waslu lill-ewwel Qorti ghad-decizjoni taghha. Kjarament l-atturi kienu qed jimputaw lill-konvenut malamministrazzjoni fl-ezikuterija tieghu. Mal amministrazzjoni illi jirrizulta illi hi bazata fuq fatti li wkoll johorgu proprju mir-rendikont tal-amministrazzjoni sottomess lilhom mill-konvenut. Huma infatti jindikaw ilment principali f'dan ir-rigward konsistenti f'allegata misappropriazzjoni ta' fondi ghall-uzu personali tieghu rigwards il-hlas tat-taxxa. Jaccenaw li hemm irregolaritajiet ohra minghajr ma jispecifikaw. Gustament allura l-ewwel Qorti waslet ghall-konvinciment illi l-azzjoni ma kellhiex tkun dik proposta u cioe' ghall-ghoti tal-kont imma kellha tkun ghall-investigazzjoni tal-istess kont fuq premessa ta' malamministrazzjoni u b'talba ghall-kundanna biex jigi versat fil-massa ereditarja dak kollu li gie minnha eskluz proprju minhabba l-operat allegatament abbuziv tal-ezekutur. Hu car illi li kieku l-premessi u t-talbiet fl-att tac-citazzjoni kienu proprju dawk li kellhom fic-cirkustanzi jigru diretti lejn il-konvenut, il-ligi difenzjonali tieghu kienet mhux biss tkun differenti minn dik formali moghtija f'din l-azzjoni imma tkun indirizzata fis-sostanza biex tinnewtralizza l-addebiti ta' malamministrazzjoni li dwarhom tkun qed

tintalab il-kundanna tieghu. Eccezzjonijiet ta' din ix-xorta l-konvenut difficilment seta' kien f'posizzjoni li jintavola f'din l-azzjoni konsidrat il-mod kif gew formulati d-domandi attrici.

Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax per ezempju illi ma jidhirx li hemm prova fl-atti illi ittiehdu passi mehtiega skond il-ligi biex il-konvenut jigi mwettaq mill-Qorti kompetenti bhala ezekutur testamentarju. Rekwizit essenzjali dan ghax il-ligi tipprovdi illi hu ma setax jindahal fl-amministrazzjoni tal-assi qabel ma jigi hekk imwettaq mill-Qorti tal-gurisdizzjoni volontarja u allura qabel ma jkun obbliga ruhhu fl-atti tal-Qorti b'ipoteka ta' hwejgu li sewwa jezegwixxi l-volonta' tat-testatur u li jaghti kont tal-amministrazzjoni tieghu skond kif ordnat mill-Qorti (artikoli 765 et sec tal-Kodici Civili). Anke fin-nuqqas ta' tali procedura pero' ma jistax ikun hemm kontestazzjoni dwar il-fatt illi f'kull kaz l-atturi kienu qablu li jafdaw l-amministrazzjoni tal-assi ereditarju li fih kellhom interess qua uzufruttwarji f'idejn il-konvenut. Dan certament b'mod tacitu jekk mhux ukoll espress. Hu allura stabbilit bla dubbju illi l-konvenut kien f'kull kaz il-mandatarju tal-atturi f'dan l-inkarigu specifiku. Jekk dan huwa l-kaz, ghandhom ikunu wkoll applikabbli disposizzjonijiet ohra tal-ligi fosthom l-artikolu 1878 tal-Kap 16 li jipprovdi li l-mandatarju kellu jaghti l-imghaxijiet tas-somom illi minghajr is-setgha tal-mandant ikun inqeda bihom ghall-uzu tieghu innifsu minn dakinhar li jkun hekk inqeda bihom u ta' kull somma ohra li taghha jkun baqa' debitur lejn il-mandat minn dakinhar li jkun gie mqieghed in mora. Anke f'din id-

disposizzjoni pero' hemm implikat eccezzjonijiet li setghu kienu disponibbli ghall-konvenut kieku t-talba giet formulata kontra tieghu f'dawn it-termini. Zgur ukoll illi n-nodus juris principali li jikkontendu li kellu jigi rizolt l-atturi, dak cioe' jekk it-taxxa tas-successjoni kellhiex jew le tithallas mill-massa ereditarja b'mod li b'hekk ikun pregudikat l-uzufrott jew inkella mill-eredi de proprio b'mod li jigi preservat l-istess uzufrutt fl-interezza tieghu, seta' biss jigi epurat u deciz f'talba ad hoc li tikkontjeni proprju l-kundanna tal-konvenut li jkun allegat li dawwar fl-interess tieghu innifsu u allura mmizapproprija fondi li proprjament ikunu jappartjenu lill-uzufruttwarji.

Fil-kaz taht l-ezami l-atturi proprju ghaliex kellhom fil-pussess taghhom ir-rendikont preciz moghti lilhom mill-konvenut tal-operat tal-amministrazzjoni tieghu, dawn kienu f'posizzjoni li jikkwantifikaw b'esatezza kemm l-ammont li huma jallegaw li kienu gew imcahhda minnu b'konsegwenza tal-agir abbuziv allegat tal-konvenut u dan ukoll ghax kienu jafu sewwa c-cirkostanzi ta' fatt li taw lok ghal tali abbuz. Ghar-ragunijiet taghhom dan m'ghamluhx u dehrilhom li kien sufficjenti illi jillimitaw ruhhom ghat-talba ginerika ta' kundanna li l-konvenut ihallashom dawk l-ammont li jirrizulta minn "rendikont gust" minghajr ma talbu ghall-investigazzjoni gudizzjarja tal-allegata mal amministrazzjoni tal-ezekutur testamentarju u /jew mandatarju taghhom. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-azzjoni setghet kienet salvata fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz li kieku kien hemm "consensus" bejn il-kontendenti biex jarginawha

fit-termini gusti u proprji taghha.  Fin-nuqqas ta' dak il-kunsens pero', d-decizjoni tal-Qorti fis-sentenza appellata ma setax jinghad li kienet guridikament skorretta.

Ghal dawn il-motivi u ghall-motivi moghtija mill-ewwel Qorti, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

Dep/Reg

mg